# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


**Seduta numru 41 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 30 ta' Marzu 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 41 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2016, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Preparamenti għall-Proġett tal-Ġemelaġġ
5. Affarijiet Mixxellanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

### 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

Punti mill-Minuti

dwar punt 4.1 — Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif, wara il-ħruġ tal-offerta għas-servizz ta' Koordinament tal-avveniment relatat mal-ftehim tal-Ġemelaġġ tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr mal-Comune ta' Lagosanto, il-Kunsill kien għażel l-offerta ta' onsite malta, peress li din kienet l-aktar offerta vantaġġjuża. Meta iżda, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil din il-kumpanija b' din id-deċiżjoni, kien irċieva email iddatata fid-9 ta' Marzu 2016 bir-risposta segwenti:

**From:** Fabienne Wijnen
**Sent:** 09 March 2016 13:21
**To:** Dalli Cyprian at DLG
**Subject:** Re: Quotes for MGR01-02-03 2016 - Enhancing cooperation between rural localities April 2016 - On Site Malta OSM6146

Good afternoon Mr. Dalli, Thank you for your email.
As a DMC we focus on offering a combination of services which results in efficiency, quality of service and value for money to the client. As 2 of the services have not been awarded we would unfortunately have to withdraw from the coordination offer. This would normally be something we would offer at a reduced rate in combination with other services.

I hope you understand our business decision and please do contact us again if we can be of assistance on any future projects.

Kind regards, Fabienne Wijnen,On Site Malta

Għaldaqstant, speċalment in virtu' tal-imminenza tal-avveniment in kwistjoni, l-għażla marret fuq it-tieni l-aħjar offerta in kwistjoni, jiġifieri Leon Productions Ltd., li aċċettaw li joffru is-servizzi tagħhom għall-dan is-servizz hekk kif ikkwotat oriġinarjament.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet diskussa l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Festa Santa Marija idattata fid-19 ta' Frar 2016 dwar postijiet alternattivi għall-gabbani tal-festa ta' Santa Marija. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u wara li ħa in konsiderazzjoni l-aspetti kollha in kwistjoni, irrisolva li, ma jilqax din il-proposta. Waqt id-dibattitu, il-Kunsill osserva li, bħalma kien ġie diskuss fis-snin l-imgħoddija, il-post fejn il-gabbani qed jarmaw bħalissa huwa l-aħjar alternattiva possibli u ma jeżistux alternattivi viabbli. Il-post indikat minnek fl-istess ittra, jiġiferi Triq Sir Harry Luke minn quddiem il-bini tal-Kunsill Lokali 'l isfel' mhuwiex alternattiva possibli kemm minħabba problema ta' spazju (il-gabbani kollha ma joqgħodux) kif ukoll minħabba il-fiżjonomija tat-triq (peress li hija f' telgħa). Barra minnhekk, kieku il-gabbani kellhom jintramaw hekk kif indikat, kieku jinħolqu diversi inkonvenjenti lir-residenti ta' dik il-parti ta' Triq Sir Harry Luke. Fl-aħħarnett, din it-triq toħloq problemi oħra wkoll fosthom ta' ħarsien ta' standards ta' saħħa u sigurta'.

**3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku informa li kien avviċina lill-ALhag Ltd., il-kuntrattur li kien ghamel is-safety flooring tal-bandli ta' Wesgħat il-Ġublew peress li kienet tfaċċat problema f' dan il-flooring. Din il-problema ġiet solvuta mill-istess kuntrattur.

3.2 Is-Sindku informa li kienet ser issir mixja madwar il-Heritage Trail tal-Kunsill bl-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza.

3.3 Is-Sindku ttenna il-ħsieb li jsir proġett ta' upgrade fil-bandli ta' Ġnien Skorba. Dan jinkludi tneħija ta' siġar li kienu qed jagħmlu ħsara lill-istrutturi f' dan il-ġnien, tneġġija tal-blat ornamentali u bankijiet u tkabbir tal-post għal-logħob u l-bandli.

3.5 Is-Sindku semma' li l-proġett tal-installazzjoni tas-CCTV camera mal-Bring-In Site ta' Triq Ganfra issa kien komplut.

3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li waqt attivita' li saret dan l-aħħar, ġie infrumat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-għajnuna finanzjarja għall-Festa Frawli 2016 taħt l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali kienet ta' 2000 Ewro.

**4. Preparamenti għall-Attivita' tal-Ġemelaġġ**

4.1 Il-Kunsill reġa studja l-aħħar preparamenti li kienu qed jiġi iffinalizati għall-attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġ ma' Lagosanto. Il-preparmenti kienu imxew ġmielhom u il-Kunsill kien f' pożizzjoni li jiffinalizza id-dettalji kollha.

4.2 Il-Kunsill ra kif kienu saru diversi laqgħat ta' koordinament mal-kuntratturi kollha relatati, fosthom ma' Leon Productions Ltd., Paramount Transport Ltd., mat-Topaz Hotel ta' Buġibba u ma dawk kollha li kienu ser jipprovdu xi catering matul is-soggorn tad-delegazzjoni Taljana.

4.3 Ġie iffinalizzat il-programm ta' attivitajiet marbutin ma' dan l-avveniment, li jikkomprendi ħarġiet kulturali għall-Belt Valletta, l-Imdina, Marsaxlokk kif ukoll lejn l-aktar postijiet karateristiċi tal-Imġarr. Ser jittella' wkoll tournament tal-football bil-għan li jressaq flimkien tfal u żgħażagħ minn Lagosanto u l-Imġarr kif ukoll postijiet oħra lokali permezz tal-isport. Il-qofol imbgħad jintlaħaq il-Ġimgħa 8 ta' April fejn issir laqgħa ta' skambju u networking bejn rappreżentanti tal-għaqdiet ta' l-Imġarr u ta' Lagosanto sabiex fl-aħħar jiġi iffirmat il-ftehim ta' ġemelaġġ miż-żewġ Sindki tal-lokalitajiet.

4.4 Il-Kunsill wera' it-tħassib tiegħu għall-fatt li l-approvazzjon ta' dan il-ftehim mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienet għada ma' waslitx, minkejja id-diversi

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

tentattivi u emails ta' tifkira lil istess Dipartiment. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikompli jara li din l-approvazzjoni tasal kif mitlub.

**5. Affarijiet Mixxelanji**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta it-talbiet għall-permess tal-gabbani għall-festa u ġie deċiż li meta issir applikazzjoni għal-tali permess, irrid jiġi pprovdut ukoll iċ-ċertifikazzjoni tas-Saħħa u Sigurta'.

6.2 Eizabeth Ebejer infurmat li fit-23 ta' April, fl-okkazjoni tal-Jum Dinjiji tal-Qari, ser isiru attivitajiet li jippromuovu il-qari u l-kotba fil-Librerija Pubblika tal-Imġarr.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:03pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 27 ta' April 2016, fil-5:00pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku